MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2012

Avviz Numru. 105/2012

**Saliba Bros Limited (C 2295)**

**Vs**

**Alfred Schembri & Sons Ltd**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' ghaxar t'elef mitejn u tnejn u erbghin Euro punt tmienja u sittin centezmu (Euro10,242.68) li jirrapprezentaw hlas ta' materjal lill-konvenuti mibjugh u kkonsenjat mir-rikorrenti lill-intimata fuq inkarigu ta' l-istess intimata u li ghadhom dovuti favor ir-rikorrenti. Illi minkejja d-diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas , l-intimata, baqghet inadempjenti u qatt ma hallset dan l-ammont li ghadu dovut.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-mandat kawtelatorju Nru 748/12 li gie intavolat ma l-itta ufficajli ai termini tal-artikolu 166A bin-numru 486/12. Bl-imghax legali kontra s-socjeta' intimata li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, a bazi ta':-

a) ix-xhieda taht gurament, moghtija minn Vincent Abela waqt is-seduta tallum stess u
b) in-nota, presentata llum stess, u li biha s-socjeta' konvenuta ammettiet it-talbiet attrici, l-istess talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' Euro10,242.68 bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A bin-numru 486/12 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha inkluzi dawk tal-istess ittra ufficjali u tal-mandat kawtelatorju tat-23 ta' Marzu 2012 u bin-numru 948/12.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------